MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 241/2013 LM

**Reuben Aquilina għan-nom u in rappreżentanza ta'**
**Arte Graphic Designs Studios**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Duncan Fenech f'ismu proprju u għan-nom**
**u in rappreżentanza ta' Private Gentleman's Club**
*('l-appellant proprio et nomine')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Duncan Fenech f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Private Gentleman's Club** [hawnhekk 'l-appellant proprio et nomine'], minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'] tad-19 ta' Jannar, 2022 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet l-

eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut pro et nomine, laqgħet it-talba tal-attur **Reuben Aquilina għan-nom u in rappreżentanza ta' Arte Graphic Designs Studios** [minn issa 'l-appellat nomine'] u kkundannat lill-konvenut pro et nomine jħallas lill-attur is-somma ta' ħamest elef u erba' Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€5,004.61) bl-imgħaxijiet legali mis-17 ta' Jannar, 2013, sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjeż kollha tal-proċeduri kontra l-konvenut pro et nomine.

## Fatti

2. Permezz tar-rikors tiegħu, l-attur nomine ippremetta li l-konvenut pro et nomine għandu jkun ikkundannat għall-ħlas ta' ħamest elef u erba' Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€5,004.61), rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' prodotti u servizzi pprovduti minnu u kkonsenjati lill-konvenut pro et nomine fuq inkarigu ta' dan tal-aħħar, skont ma jirriżulta mill-*istatement* tal-kont maħruġ mill-attur fis-16 t'Awwissu, 2012. L-attur spjega li minkejja li l-konvenut pro et nomine ġie interpellat diversi drabi, dan baqa' inadempjenti u naqas milli jaffettwa l-ħlas dovut, u huwa għalhek li kellha ssir din il-kawża. Flimkien mar-rikors tiegħu, l-attur nomine ppreżenta wkoll kopja ta' fattura maħruġa minn Arte Graphic Designs Studios, kif ukoll kopja ta' ittra bonarja u ittra uffiċjali li ntbagħtu lill-konvenut pro et nomine qabel ġew istitwiti dawn il-proċeduri.

3. Il-konvenut pro et nomine wieġeb li preliminarjament huwa mhux il-leġittimu kontradittur għaliex m'hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali bejnu u l-attur, u qal li għalhekk it-talbiet tal-attur għandhom ikunu miċħuda bl-ispejjeż. Żied jgħid li mingħajr preġudizzju għall-predett, l-attur għandu jġib prova li fil-

fatt ipprovda l-prodotti u s-servizz li sar riferiment għalihom fir-rikors promotur, u li dawn il-prodotti u servizzi ġew ikkonsenjati lilu. Finalment il-konvenut pro et nomine qal li t-talbiet tal-attur huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.

## Mertu

4. L-attur **Reuben Aquilina**, waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, xehed li huwa għamel xi xogħol ta' stampar u grafika għall-konvenut għan-nom ta' Private Gentleman's Club, u minkejja li l-konvenut pro et nomine kien għamel żmien iħallas dak dovut minnu, f'daqqa waħda dan waqaf. L-attur esebixxa kopja tal-*emails* u korrispondenza oħra li kien hemm bejnu u l-konvenut pro et nomine, fejn dan approva li jsir ċertu xogħol mill-attur.

5. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, Reuben Aquilina qal li huwa kien ilu jaf lill-konvenut madwar għaxar snin. Qal li l-ewwel darba li huwa kien għamel xi xogħol għall-konvenut kien madwar tmienja jew għaxar snin qabel għal *gentleman's club* ieħor bl-isem 'Steam'. Aquilina kkonferma li huwa u l-konvenut kienu ħbieb, u anki r-relazzjoni professjonali ta' bejniethom kienet waħda tajba. Aquilina qal li meta l-konvenut pro et nomine kien jagħmel ordnijiet għall-istabbiliment bl-isem 'Steam', dan kien jaħdem hemm bħala *manager,* u huwa kien jordna x-xogħol għaliex kienu jqabbduh jagħmel dan id-diretturi tiegħu. Żied jgħid li Duncan Fenech kien imur personalment fl-uffiċċju tiegħu biex japprova x-xogħol u jiġbru, għalkemm kien hemm drabi meta kien imur bix-xogħol lest ċertu Dennis Farrugia kollega ta' Aquilina. Qal li meta kienu

jmorru fil-*club* tal-konvenut u dan ma kienx ikun hemm, kienu dejjem jikkuntattjaw lill-konvenut personalment biex jaraw ix-xogħol fejn seta' jitħalla. Waqt seduta sussegwenti, l-attur qal li huwa ilu f'dan in-negozju madwar għoxrin sena, u fost il-klijenti tiegħu hemm għadd ta' stabbilimenti ġewwa Paceville. Qal li huwa joħroġ il-fatturi lill-klijenti tiegħu wara li jkun lesta x-xogħol, u hemm ċerti *credit terms* imposti. Qal li anki meta jkollu klijent ġdid, huwa jipprova jitħallas għal kull biċċa xogħol li joħroġ, iżda li l-konvenut beda jonqos milli jagħmel il-pagamenti dovuti, minkejja li huwa kien joħroġ fattura wara kull biċċa xogħol li jlesti. Aquilina kkonferma li Duncan Fenech kien imur l-i*studio* tiegħu personalment, u kien hu li kien jordna x-xogħol. Qal ukoll li minkejja li kien interpella lill-konvenut pro et nomine diversi drabi sabiex iħallas dak dovut minnu, dan baqa' inadempjenti.

6. **Dennis Farrugia** xehed li huwa jaħdem mal-attur u kien jagħmel xogħol ta' stampar. Ix-xhud ikkonferma li huwa ġieli għamel xogħol għall-konvenut. L-istess xhud ikkonferma li huwa kien imur jagħmel il-kunsinna tax-xogħol fil-*private club* tal-konvenut.

7. **Duncan Fenech** xehed li huwa kien fin-negozju flimkien ma' tliet persuni oħra, Douglas Axisa, Mario Spiteri, u Frankie Grima, u qal li huwa kien il-persuna inkarigata biex imexxi ċertu xogħol tan-negozju, fosthom l-avvenimenti li jiġu organizzati. Qal li għalhekk kien jieħu ħsieb jagħmel xi ordnijiet mingħand Reuben Aquilina. Duncan Fenech qal li n-negozju kien jitmexxa taħt l-isem 'Sabor Entertainment Limited'. Spjega li hu u Aquilina kienu ilhom ħbieb għal snin twal, u huwa ma kellu l-ebda problema bix-xogħol ta' Aquilina, tant hu hekk li Fenech qal li Aquilina kien l-aktar persuna professjonali fix-xogħol. Qal iżda li

l-attur kellu ħafna xogħol, u għalhekk kien idewwem il-kunsinna tal-materjal ordnat, u kien hemm drabi meta l-prodott ordnat ma jibqgħax meħtieġ aktar għaliex ikun tlesta viċin id-data tal-avveniment, u għalhekk l-avveniment ma jilħaqx jiġi kkumerċjalizzat. Qal li kien għalhekk li huwa waqqaf lil Aquilina milli jkompli jaħdmilhom. Kompla jgħid li madwar sena wara li huwa waqqaf lil Aquilina, dan kien bagħat kont ta' aktar minn ħamest elef Euro, u huwa ma setax jifhem l-ammont kif kien tela' daqshekk. Qal li meta hu talab lill-attur jgħaddilu kopja tad-*delivery note* ħalli jikkonferma meta saret il-kunsinna, dan ma tah xejn. Fenech qal li fin-negozju kien Mario Spiteri li kien jieħu ħsieb jiġbor il-flus u joħroġ il-pagamenti, u kull fattura rċevuta riedet tinħadem biex jiġi assigurat li tintalab il-VAT lura. Ix-xhud qal ukoll li kien hemm okkażjonijiet fejn ix-xogħol kien ser jitlesta tard minn Aquilina, u għalhekk l-ordni kellha tiġi kkanċellata. Duncan Fenech qal li ma jafx jekk qattx ġiet ikkontestata xi fattura mibgħuta minn Aquilina, minkejja li huwa kien ilu jaħdem bih diversi snin. Waqt il-kontro-eżami li sarlu, Fenech spjega li filwaqt li kien hu li jagħmel l-ordnijiet lil Aquilina, meta kienet issir il-kunsinna, ma kinitx tinħareġ *delivery note* minn Aquilina, u l-fatturi mingħand Aquilina kienu jintbagħtu fl-uffiċċji tal-kumpannija u kienet tieħu ħsiebhom il-persuna li kienet tieħu ħsieb l-*accounts.* Qal li kien hemm li kien joħroġ il-pagament favur Aquilina.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

8. Permezz tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Jannar, 2022, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut proprio et nomine għandhom jiġu miċħuda, filwaqt li laqgħet it-talbiet tal-attur u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħamest elef u erba' Euro u wieħed u sittin

ċenteżmu (€5,004.61), bl-imgħaxijiet legali mis-17 ta' Jannar, 2013, id-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

*L-Ewwel Eċċezzjoni – li l-konvenut mhux il-leġittimu kontradittur*

*6. Fl-ewwel lok, il-konvenut jeċċepixxi li hu ma huwiex il-leġittimu kontradittur, stante illi ma hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali bejnu u bejn l-attur. Fix-xhieda tiegħu l-konvenut jgħid li l-ordnijiet huwa dejjem għamilhom bħala rappreżentant tas-soċjetà li tiġġestixxi l-*Private Gentleman's Club *u mhux f'ismu proprju, u li għalhekk il-prodotti u servizzi ġew reżi a favur tal-istess soċjetà u mhux a favur tal-konvenut personalment.*

*7. Hija ġurisprudenza kostanti in materja li l-konvenut li jissolleva din l-eċċezzjoni ikun jeħtieġlu jipproduċi provi konklussivi in sostenn tal-linja difensjonali tiegħu, u dan billi b'mod definittiv jipprova mhux biss li l-ftehim sar għan-nom ta' soċjetà, imma wkoll li fil-mument meta sar tali ftehim l-attur kien konsapevoli tal-fatt illi hu kien qed jaġixxi in rappreżentanza ta' soċjetà u mhux tiegħu nnifsu.*

*8. Fis-sentenza* ***Frank Cilia noe vs Charles Scicluna,*** *deċiża fis-27 ta' April, 1992, il-Qorti tal-Kummerċ (fn. 6 per Imħallef Joseph D. Camilleri) irriteniet hekk:*

"Illi hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkuntratta għalih innifsu sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor.

Il-piż tal-prova li min jikkontratta jagħmel hekk f'isem ħaddieħor jinkombi fuq min jagħmel din l-allegazzjoni.

Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jiġi eskluż (Troplong mandato No. 50) ċitata fil-Kollez. Vol. XLII-II-P. 203). Inoltre, għandu jiġi rilevat li l-liġi teżiġi (art. 993 Kap. 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni għandha ssir u tiġi eżegwita in buona fede."

*9. Il-Qorti tinnota li fil-każ odjern, għajr għax-xhieda tal-konvenut innifsu, ma nġabet l-ebda prova li fiż-żmien meta l-attur tqabbad sabiex jagħmel ix-xogħlijiet in kwistjoni, l-ordnijiet kienu qegħdin isiru għan-nom tas-soċjetà li topera jew tiġġestixxi l-*Private

Gentleman's Club. *Fil-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet permezz tal-*emails, *dawn dejjem intbagħtu minn fuq l-indirizz elettroniku personali tal-konvenut, u l-konvenut ma ta l-ebda indikazzjoni li kien qed jaġixxi għan-nom u in rappreżentanza ta' xi soċjetà partikolari li allegatament kienet tiġġestixxi l-*Private Gentleman's Club. *F'dan il-każ la ġiet esebita kopja tal-*Memorandum and Articles of Association *ta' din l-allegata soċjetà, u lanqas tressqu d-diretturi u/jew l-azzjonisti tagħha sabiex jixhdu dwar din il-kwistjoni. Il-konvenut lanqas esebixxa kopji taċ-ċekkijiet li bihom kien ħallas lill-attur akkont tas-servizzi li kienu qegħdin jiġu provduti mill-attur.*

*10. Min-naħa l-oħra l-attur dejjem kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu li l-konvenut kien jgħidlu li l-*Private Gentleman's Club *huwa tiegħu. L-attur spjega li filwaqt li l-ordnijiet magħmula għal* clubs *oħra huwa kien ikun jaf li l-inkarigu kien qiegħed jingħatalu mill-konvenut għan-nom tas-soċjetà li kienet tiġġestixxi dak il-*club *partikolari, għal dak li jirrigwarda l-*Private Gentleman's Club *il-konvenut dejjem kien jgħidlu li dan il-*club *kien tiegħu. L-attur jinsisti li l-konvenut qatt ma tah struzzjonijiet biex il-fatturi joħorġu f'isem xi soċjetà partikolari.*

*11. Għal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni magħmula mill-abbli avukat difensur tal-konvenut waqt it-trattazzjoni u ċioe li fuq il-fatturi in kwistjoni ma hemmx indikat isem il-konvenut, il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li dan il-fatt waħdu ma jilliberax lill-konvenut mill-obbligi tiegħu. Fuq dawn il-fatturi hemm indikat* Private Gentleman's Club *li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li hija persuna ġuridika kostitwita skont il-liġi. Mill-provi prodotti huwa evidenti li l-attur ma kienx konsapevoli li kien hemm soċjetà involuta fil-ġestjoni ta' dan il-club u għalhekk kien jindika* Private Gentleman's Club *fuq dan il-fatturi biex jiddistingwi kont minn ieħor.*

*12. Kien jinkombi fuq il-konvenut li jipprova li hu kien informa b'mod ċar lill-attur li huwa kien qiegħed jikkontratta f'isem soċjetà u mhux f'ismu personalment. Mis-suespost huwa ċar li  l-konvenut naqas milli jipprova dan u li l-attur kien ġustifikat jemmen li huwa kien qiegħed jikkontratta mal-konvenut personalment. Konsegwentement, din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*

*<u>Il-Mertu</u>*

*13. Permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed jitlob ħlas ta' somma rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' prodotti u servizzi provduti u konsenjati lill-konvenut.*

*14. Fil-mertu, il-konvenut jilqa' għal din it-talba billi permezz tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tiegħu, jeċċepixxi li l-attur irid jipprova li l-prodotti u s-servizzi in kwistjoni ġew fil-fatt ordnati minnu u kkonsenjati lilu. Ir-raba' eċċezzjoni hija waħda ġenerali fis-sens li l-konvenut jeċċepixxi li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*15. In sostenn tat-talba tiegħu, l-attur esebixxa* sample *tal-prodotti li kienu jiġu kkonsenjati lil-konvenut u spjega li minn kull* bundle *li kien jiġi prodott huwa dejjem kien iżomm kopja. Fix-xhieda tiegħu l-attur spjega kif kull waħda minn dawn is-*samples *tikkorrispondi għall-*job number *indikat fil-fatturi relattivi. (fn. 7 ara x-xhieda tal-attur a fol. 26 u s-samples immarkati komplessivament bħala Dok. RA 3 a fol. 62 tal-proċess) Dennis Farrugia ikkonferma li huwa jaħdem mal-attur fejn kien jagħmel xogħol ta'* printing *u spjega kif meta x-xogħol kien ikun lest, huwa kien iċempel lill-konvenut u jikkonsenjalu l-prodott. (fn. 8 ara x-xhieda ta' Dennis Farrugia a fol. 30 tal-proċess)*

*16. Il-konvenut jilmenta li ċertu xogħlijiet indikati fil-kont u fil-fatturi esebiti mill-attur ma kinux ġew ordnati minnu. (fn. 9 ara l-kont u l-fatturi relattivi mmarkati bħala Dok. RA2 a fol. 47 tal-proċess) Fix-xhieda tiegħu jispjega din il-kontestazzjoni fis-sens li minkejja li kien hemm xi grafika li setgħet ġiet diskussa mal-attur fil-laqgħat li kien ikollhom bejniethom, dan ma jfissirx li dak il-prodott ikun eventwalment ġie ordnat. In oltre, jilmenta ukoll li kien hemm xi xogħlijiet indikati f'dawn il-fatturi li ma setax jivverifika jekk dak il-prodott kienx ġie kkonsenjat jew le, u dan stante t-trapass taż-żmien.*

*17. F'dan ir-rigward fix-xhieda tagħhom kemm l-attur u kif ukoll Dennis Farrugia spjegaw li l-konsenja tal-materjal kienet issir direttament lill-konvenut fil-*Private Gentleman's Club *u li f'dawk il-ftit okkażjonijiet meta l-konvenut ma kienx ikun preżenti fil-*club, *huma kienu jċemplulu u kien l-istess konvenut li kien itihom l-istruzzjoni biex il-materjal jitħalla mal-impjegati tiegħu. Din il-verżjoni ma ġietx kontradetta mill-konvenut u għalhekk din il-Qorti ma għandhiex raġuni għalfejn tiskarta tali verżjoni. Mill-provi jirriżulta li bejn l-attur u l-konvenut kien hemm relazzjoni ta' ħbiberija u li dawn kienu ilhom jafu lil xulxin u jaħdmu flimkien għal diversi snin. Il-fatt li l-attur ma kienx juża s-sistema ta'* delivery notes *ma huwiex kontestat mill-konvenut. In oltre, dan il-fatt waħdu ma jfissirx illi dawn il-prodotti u servizzi fil-fatt ma ġewx konsenjati, tant li matul l-andament tax-xogħlijiet il-konvenut kien wettaq tliet pagamenti akkont. Dawn il-pagamenti akkont ikomplu jikkonfermaw li l-attur kien effettivament qiegħed jipprovdi s-servizzi tiegħu u jikkonsenja l-prodotti, għaliex li kieku ma kienx hekk, il-konvenut ma kienx ser jagħmel tali pagamenti.*

*18. B'referenza għall-hekk imsejħa* funny money *u l-allegazzjoni li dawn ma kinux ġew ordnati mill-konvenut għaliex (i) fuqhom ma jidhirx il-*logo *tal-*Private Gentleman's Club *u (ii) il-materjal użat ma kienx bħal dak esebit mill-attur, il-Qorti tqis li din l-allegazzjoni ma ġietx ippruvata. Il-konvenut la esebixxa kopja tal-materjal li effettivament ġie użat bħala* funny money *fil-*Private Gentleman's Club *u lanqas provi dokumentarji li juru li għal dan il-materjal huwa kien inkariga lil terzi u mhux lill-attur.*

*Bl-istess mod lanqas ġew prodotti xhieda oħra, bħal ma setgħu kienu impjegati fil-*Private Gentleman's Club *sabiex jikkonfermaw dak allegat mill-konvenut u ċioe li l-prodott in kwistjoni ma ntużax fil-*club.

*19. B'referenza imbagħad għall-allegazzjoni tal-konvenut li kien hemm xi xogħol li ġie kkonsenjat tard mill-attur u li għalhekk ma setax jintuża, il-Qorti tqis li lanqas din l-allegazzjoni ma ġiet ippruvata. Fl-atti ma ġiet prodotta l-ebda prova li tikkorrabora din l-allegazzjoni, bħal per eżempju korrispondenza bejnu u l-attur li fiha huwa kien qiegħed jilmenta dwar dan. Fin-nuqqas ta' dawn il-provi, il-Qorti tqis li dawn l-allegazzjonijiet tal-konvenut baqgħu ma ġewx ippruvati.*

*20. In vista tas-suespost, din il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi mill-assjem tal-provi jirriżulta biċ-ċar li l-konvenut kien ordna l-prodotti u s-servizzi in kwistjoni u li dawn ġew ikkonsenjati lilu. Konsegwentement it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenut ser jiġu miċħuda.*

***Konklużjoni***

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda:*

*1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;*
*2. Tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' ħamest elef u erba' Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€5,004.61), bl-imgħaxijiet legali mis-17 ta' Jannar, 2013, data tan-notifika tal-ittra uffiċjali, sad-data tal-pagament effettiv.*

*L-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri għandhom jiġu subiti mill-konvenut.*

## **L-Appell**

9. L-appellant appella minn din is-sentenza tal-Ewwel Qorti permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-18 ta' Frar, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-attur appellat, u tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant.

10. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat għaliex l-appellat ripetutament saħaq li huwa ma kienx jaf li Duncan Fenech kien qiegħed jaġixxi għan-nom ta' soċjetà kummerċjali. Barra minn hekk l-appellat u l-Ewwel Qorti għamlu riferiment għal sentenzi li jirritjenu li meta wieħed jaġixxi għan-nom ta' soċjetà kummerċjali, għandu jidentifika dan l-istat ta' fatt lill-parti l-oħra li jkun qiegħed jinnegozja magħha. L-appellant żied jgħid li madanakollu fix-xhieda tiegħu l-appellat qal li huwa kien jaf li Duncan Fenech kien wieħed mid-diretturi tal-*Private Gentleman's Club.* L-appellant qal li dan il-fatt ġie kkonfermat meta l-appellat qal li kien stampa xi *business cards* għall-appellant u għad-direttur l-ieħor, ċertu Douglas Axisa, u dawn il-*business cards* kienu juru li huma t-tnejn kienu diretturi. L-appellant żied jgħid li anki li kieku huwa minnu li huwa kellu xi obbligu jidentifika l-entità li kien qiegħed jaġixxi għan-nom tagħha, wara l-introduzzjoni tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud [Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta], fornitur li jipprovdi servizzi u/jew prodotti fuq *credit basis* irid joħroġ dokumentazzjoni abbażi ta' din il-liġi, liema dokumentazzjoni għandha tindika min huwa x-xerrej tas-servizz jew tal-prodott in kwistjoni. Qal li minn dan isegwi li jekk il-kompratur għandu l-obbligu jidentifika l-fatt li jkun qiegħed jaġixxi għan-nom ta' terz, il-venditur għandu l-obbligu fiskali li jidentifika lil min għandu joħroġ il-fattura fir-rigward tax-xogħol in kwistjoni. Qal li jekk wieħed iħares lejn il-fatturi maħruġa mill-appellat, jidher ċar li dak li ġie indikat fil-fatturi, dawn ġew maħruġa lil Private Gentleman's Club, u għalhekk huwa stramb kif l-appellat qal li l-appellant ma indikax li kien qiegħed jikkuntratta għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija li tiġġestixxi l-*club,* iżda fl-istess waqt ħareġ u indirizza fatturi f'isem il-Private Gentleman's Club. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti għamlet l-osservazzjoni li l-appellant ma ġab l-ebda prova li meta ngħataw

dawn l-ordnijiet lill-appellat, l-ordnijiet kienu qegħdin isiru għan-nom tas-soċjetà li kienet topera u/jew tiġġestixxi l-Private Gentleman's Club. Qal li kien l-appellat li kellu jipprova li dak li kien qiegħed jiġi allegat minnu, fil-fatt huwa minnu, jiġifieri li l-appellant kien qiegħed jaġixxi f'ismu proprju.

11. L-appellant għamel riferiment ukoll għall-korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet, u qal li fl-2009 ma kienx realistiku li kull soċjetà kummerċjali jkollha *dedicated email address,* u anki fil-preżent għad hemm numru ta' negozjanti jew entitajiet kbar li jużaw *email address* ġeneriku sabiex jikkomunikaw. L-appellant qal li b'żieda ma' dan, l-Ewwel Qorti għamlet riferiment għall-fatt li ma ġie ppreżentati l-ebda statut tas-soċjetà li tiġġestixxi l-Private Gentleman's Club. Żied jgħid li ladarba l-appellat stess ikkonferma li l-komunikazzjonijiet li kien qiegħed ikollu fir-rigward tal-Private Gentleman's Club kienu qegħdin isiru ma' wieħed mid-diretturi, din hija konferma li dan kien qiegħed jipprovdi l-oġġetti u ħwejjeġ oħra lid-direttur in rappreżentanza tal-entità. L-appellant qal li minkejja li l-appellat kien jaf lid-diretturi tal-kumpannija li kienet tiġġestixxi l-*Private Gentleman's Club,* dan għażel li jiftaħ il-proċeduri limitatament fil-konfront tiegħu personalment, għaliex huwa kien inkarigat biex jorganizza u jordna x-xogħol ta' stampar. L-appellant silet ukoll ċerti stqarrijiet li għamel l-appellat fix-xhieda tiegħu, u qal li dawn jindikaw l-istat konfużjonarju li bih dan kien imexxi n-negozju tiegħu. Issemma li fil-każ tal-ħanut 'Steam', għalkemm l-appellat kien jaf li l-*club* kien jitmexxa mill-kumpannija 360 Limited, u kien jaf lil uħud mid-diretturi tal-kumpannija, xorta waħda l-fatturi kien joħroġhom fuq id-defunt Ray Grima, għaliex kien Ray Grima li kien jordna x-xogħol.

12. L-appellant qal li l-appellat f'din il-kawża esebixxa għadd ta' fatturi, li kienu maħruġa mill-Arte Graphics Designs Studio lil Private Gentleman's Club. Qal li f'dawn il-fatturi, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT huwa nieqes, u bil-promulgazzjoni tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, il-leġislatur impona ċerti obbligi fir-rigward ta' transazzjonijiet kummerċjali, liema obbligi għandhom jiġu osservati *ad validitatem.* Qal ukoll li dawn l-obbligi huma enunċjati fi Skeda Tnax tal-artikolu 50(5) tal-Kap. 406, fejn hemm stabbilit li sabiex *invoice* titqies bħala fattura ta' taxxa valida, għandhom jiġu sodisfatti ċerti elementi. L-appellant insista li dawn il-fatturi huma nieqsa mill-partikolaritajiet li tesiġi l-liġi, u għalhekk dawn ma jistgħux jitqiesu bħala fatturi tat-taxxa validi. Żied jgħid li l-Qorti qegħda tintalab tenforza *invoices* li ma jikkostitwixxux fatturi konformi ma' dak provdut mil-liġi.

13. L-appellant qal li f'każ li din il-Qorti ma tħossx il-ħtieġa li jiġu ppreżentati *tax invoices,* dan minnu nnifsu jindika li n-natura tat-tranżazzjoni mhix waħda kummerċjali, u t-tranżazzjonijiet in kwistjoni huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16, li jipprovdi li l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli mibjugħa bl-imnut huma preskritti bl-għeluq ta' tmintax-il xahar. L-appellant qal li huwa flimkien ma' sħabu diretturi oħra tal-kumpannija li kienet tiġġestixxi l-Private Gentleman's Club*,* kienu jixtru l-affarijiet '*a minuto, cioé in piccole partite'* mingħand l-appellat, oġġetti u ħwejjeġ li kienu għall-użu personali tal-kumpannija li tiġġestixxi l-istess *club.* Qal li dawn l-oġġetti kienu jinkludu *logo, signage, menus, flyers, letterheads, business cards* u oġġetti simili, liema oġġetti nxtraw għall-użu personali tal-*club,* għaliex dawn l-oġġetti ma kinux qegħdin jinbiegħu mill-ġdid

lill-konsumatur, iżda l-konsumatur ta' dawn l-oġġetti kienet l-istess soċjetà li tiġġestixxi l-*club.* Qal li għalhekk dan ma kienx bejgħ bl-ingrossa.

14. L-appellant qal li ma ġiet ippreżentata l-ebda *delivery note,* u għalhekk hemm dubji serji dwar jekk dan ix-xogħol ġiex ikkonsenjat jew le. Qal li l-utilità u l-importanza tad-*delivery notes* fit-tranżazzjonijiet kummerċjali hija indisputata, għaliex abbażi tal-prinċipju ta' *good governance,* huwa ferm importanti li l-konsenja tal-oġġetti tiġi dokumentata, minkejja l-fatt li bejn l-appellat u l-appellant kien hemm relazzjoni ta' ħbiberija. L-appellant qal ukoll li l-fatt li fix-xhieda tiegħu huwa qal li ċerti *job numbers* ma kinux tiegħu, ma kellux ifisser li b'daqshekk kien qiegħed jammetti li l-*job numbers* l-oħra kienu tiegħu. Qal ukoll li huwa jippretendi li fir-rigward tal-*job numbers* l-oħra, l-appellat jippreżenta *delivery notes* sabiex ikun jista' jikkonferma jekk fil-verità dawn l-oġġetti kinux ġew ikkonsenjati, u dan kif inhu ordinarjament ipprattikat fi tranżazzjonijiet kummerċjali. Qal ukoll li ċerti oġġetti msemmija fil-fatturi mhux bilfors ġew ikkonsenjati, u jsemmi l-fatt li fil-fatturi hemm imniżżel '*free entrance cards',* meta biex wieħed jidħol fil-Private Gentleman's Club, ma kien ikun hemm l-ebda *charges* mal-bieb, filwaqt li *item* ieħor fuq il-fatturi huwa '*menus',* meta fil-*club* la kien hemm ristorant u lanqas kien jiġi servut ikel.

15. Il-ħames aggravju tal-appellant huwa relatat mal-fatt li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti ngħatat aktar minn erba' snin wara li saret it-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet, u għalhekk jekk it-talbiet tiegħu jiġu miċħuda, huwa m'għandux iħallas l-imgħaxijiet legali li għandhom jiddekorru mis-17 ta' Jannar, 2013, in vista tad-dewmien "inġustifikat u eċċessiv".

**Ir-Risposta tal-Appell**

16. Fir-risposta tiegħu għall-appell intavolat mill-appellant, l-appellat qal li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma, filwaqt li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

17. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellat qal li f'dan l-istadju m'għandu jkun hemm l-ebda disturb tal-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti, partikolarment fejn il-Qorti tal-Appell tara li l-Ewwel Qorti setgħet, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Qal li l-appellant jagħmel riferiment għax-xhieda mogħtija mill-appellat, u jikkwota biss parti żgħira minnha sabiex jiżgwida lil din il-Qorti, u ħalla barra l-partijiet tad-deposizzjoni tal-appellat fejn dan saħaq li huwa ma kien jaf lil ħadd aktar li kellu x'jaqsam mal-Private Gentleman's Club ħlief lil Duncan Fenech. Qal ukoll li mill-kontro-eżami li sarlu, jirriżulta ċar li huwa ma kienx jaf li l-appellant huwa direttur ta' kumpannija, iżda li huwa għarfu bħala direttur ta' *club* u għalhekk ma kien hemm l-ebda ammissjoni da parti tal-appellat li l-komunikazzjoni li kien ikollu fir-rigward tal-Private Gentleman's Club kienet ma' wieħed mid-diretturi tal-istess kumpannija. L-appellat għamel riferiment għall-parti tal-appell fejn l-appellant semma l-*clubs* l-oħrajn li huwa kien jaħdem fihom, u spjega li din hija prova oħra li fir-rigward tal-*clubs* l-oħrajn l-appellat kien jaf li hemm kumpannija u kien jaf lid-diretturi warajha, kif ukoll li fl-istanzi l-oħra ma kien hemm l-ebda problemi ta' ħlas. L-appellat qal li kien biss fil-każ in eżami li nqalgħet din il-problema, għaliex l-appellant qatt qabel ma rrileva li f'din il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu iżda f'isem il-kumpannija, u għalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta kkonkludiet li l-grad

tal-prova ma ntlaħaqx mill-appellant fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur. L-appellat żied jgħid li l-Ewwel Qorti kienet korretta wkoll meta qalet li għajr għax-xhieda tal-konvenut innifsu, ma nġabet l-ebda prova oħra li fiż-żmien meta saru l-ordnijiet in kwistjoni, l-ordnijiet kienu qegħdin isiru għan-nom tas-soċjetà li topera jew li tmexxi l-Private Gentleman's Club.

18. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellat qal li l-artikolu 50(1) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jesiġi li l-klijent jidentifika lilu nnifsu għall-għan ta' din il-provvista permezz ta' numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Qal li għalhekk kien l-appellant li naqas milli jidentifika min kien qiegħed jikkontratta f'dan il-każ, u għalhekk kien l-appellant ukoll li naqas milli jipprovdi numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Qal li l-appellant kien aċċetta dawn l-*invoices* u x-xogħol kien qiegħed isir u jiġi kkonsenjat, għaliex kien l-appellant li wettaq tliet pagamenti akkont f'dati differenti, u għalhekk din hija l-konferma li l-appellat effettivament kien qiegħed jipprovdi s-servizz u jikkonsenja l-prodotti.

19. B'riferiment għat-tielet aggravju, l-appellat qal li l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha għamlet riferiment għas-sottomissjonijiet li saru mill-avukat difensur tal-konvenut waqt it-trattazzjoni, dwar il-fatt li fuq il-fattura ma kienx hemm indikat isem il-konvenut. Qal li l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li dan il-fatt waħdu ma jilliberax lill-appellant mill-obbligi tiegħu, u l-appellat kien jindika 'Private Gentleman's Club' fuq il-fatturi biex jiddistingwi kont minn ieħor. Qal ukoll li l-Ewwel Qorti fl-ebda waqt ma qalet li n-natura tat-tranżazzjoni ma kinitx waħda kummerċjali jew li l-każ kien wieħed remot. Qal li kuntrarjament għal dak eċċepit mill-appellant, l-affarijiet li l-appellanti kienu jixtru mingħandu ma

kinux *a minuto, in piccole partite,* għaliex dan ma kienx akkwist ta' darba, iżda din kienet relazzjoni ta' bejgħ u xiri mifruxa fuq sentejn, bejn l-2009 u l-2010, kif jirriżulta mill-*istatement* u l-*invoices* ippreżentati, u kif ikkonfermat mill-appellant fix-xhieda tiegħu. L-appellat għamel riferiment għal uħud mill-*Job Numbers* indikati fuq il-fatturi, u qal li dawn jirrappreżentaw ordnijiet ta' kwantitajiet kbar, uħud minnhom bejn 500 u 1000 kopja ta' kull oġġett ordnat. Qal li l-*Job Number* 7648 kien għal ordni ta' *'offset printing of 200,000 token'* u għalhekk din ma kinitx ordni fi kwantitajiet żgħar. Qal ukoll li kien hemm oġġetti li kienu jiġu ordnati biex jinbiegħu mill-ġdid lill-klijenti tal-Private Gentleman's Club, u rrefera għall-*funny money* fejn l-appellant innifsu xehed illi dawn ma kinux jitqassmu, iżda kienu jingħataw lill-klijenti tal-*club* in kontrokambju ma' flus. Qal illi għalhekk dawn kienu oġġetti li jiġu rivenduti lill-konsumaturi għall-profitt. L-appellat qal ukoll li f'dan il-każ il-preskrizzjoni hija ta' ħames snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u skont l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, biex il-preskrizzjoni brevi jkun jista' jkollha effett, min jeċċepiha jrid minn jeddu jaħlef waqt il-kawża li mhux debitur, jew li ma jiftakarx jekk l-oġġett ġiex imħallas, xi ħaġa li l-appellant m'għamilx f'dan il-każ.

20. Fir-rigward tar-raba' aggravju, l-appellat qal li minkejja li huwa kien ikkonferma li kien hemm sistema ta' *delivery notes,* l-appellant diversi drabi qal li huwa kien unikament responsabbli minn xogħlijiet ta' *printing,* u minkejja li ma kienx hemm sistema ta' *delivery notes,* l-ordnijiet kienu fil-fatt jitqassmu. Żied jgħid li l-appellant qatt ma ċaħad li kienu jinxtraw oġġetti mingħand l-appellat, tant hu hekk li anki fl-appell tiegħu kkonferma li l-appellant, bi sħab mad-diretturi tal-kumpannija, kienu jixtru affarijiet *a minuto, cioé in piccole partite,* mingħand l-appellat. Qal li x-xhud Dennis Farrugia kkonferma li l-

konsenja tal-materjal kienet issir direttament lill-intimat fil-Private Gentleman's Club, u f'dawk l-okkażjonijiet meta l-intimat ma kienx ikun preżenti fil-*club,* huma kienu jċemplulu u kien ikun l-istess intimat li kien jagħti l-istruzzjonijiet dwar ma' min mill-ħaddiema tiegħu kellhom jitħallew l-affarijiet. L-appellat qal ukoll li minkejja li l-appellant fix-xhieda tiegħu allega li mhux kull oġġett imsemmi fil-fatturi ġie kkonsenjat lill-appellant, l-appellant naqas milli jġib prova ta' dan, għajr għax-xhieda tiegħu.

21. B'riferiment għall-ħames aggravju tal-appellant, l-appellat qal li l-appell huwa wieħed frivolu u vessatorju, u li ma nġabet l-ebda prova mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti għajr għax-xhieda tal-intimat innifsu, u għalhekk dan l-appell sar b'abbuż tal-proċeduri legali, u l-appellant għandu mhux biss jiġi kkundannat għall-ħlas tal-imgħax legali, iżda wkoll għad-*doppie spese.*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

22. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti, filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet imressqa mill-appellati.

*L-ewwel aggravju: l-appellant mhuwiex leġittimu kontradittur*

23. L-appellant isostni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li huwa leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u qal li mill-provi kellu jirriżulta li l-appellat kien jaf li kien qiegħed jinnegozja ma' wieħed mid-diretturi tal-*club* in kwistjoni, u għalhekk il-kontrattazzjoni ma saritx mal-appellant personalment.

L-appellant semma istanzi fejn l-appellat ingħata *business cards* tal-Private Gentleman's Club x'jistampa, fejn kien hemm indikat l-isem tad-diretturi tal-*club*, kif ukoll il-fatt li l-appellat kien joħroġ il-fatturi fuq isem il-Private Gentleman's Club*,* biex isostni l-argument tiegħu li huwa mhux leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri*.* L-appellant qal li l-oneru tal-prova biex jiġi stabbilit jekk l-ordnijiet kienu qegħdin isiru f'isem l-appellant proprju, kien jinkombi fuq l-appellat, imma dan il-grad ta' prova baqa' ma ntlaħaqx.

24. Qabel tgħaddi biex tikkonsidra dan l-aggravju, din il-Qorti sejra tagħmel osservazzjoni dwar eċċezzjoni li tqajmet mill-appellat, li qiegħed jgħid li din il-Qorti ta' Reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti tirrileva li l-appellant ħassu aggravat għaliex huwa jikkontendi li f'dan il-każ sejjer isofri inġustizzja manifesta, u għalhekk f'każ bħal dan din il-Qorti ta' reviżjoni għandha dejjem terġa' tevalwa l-provi li jkunu tressqu quddiem l-Ewwel Qorti, mhux biex tiddisturbahom, iżda sabiex tkun tista' tevalwa jekk tkunx saret ġustizzja fil-każ, u jekk min jappella jkollux raġun fl-aggravji mressqa minnu. Jirriżulta mill-provi li s-soċjetà kummerċjali li kienet tiġġestixxi l-Private Gentleman's Club hija 'Sabor Entertainment Limited', u l-isem ta' din il-kumpannija qatt ma ġie żvelat mill-appellant fir-relazzjoni tiegħu mal-appellat. Mill-provi jirriżulta li l-appellant u l-appellat ilhom jafu lil xulxin diversi snin, u l-appellat ġieli għamel xi xogħol għal *clubs* oħra li kien jaħdem magħhom l-appellant, mingħajr ma kien jaf eżattament ir-rwol tal-appellant f'dawn il-*clubs* x'kien. Fil-każ tal-Private Gentleman's Club*,* ma jirriżultax mill-provi li l-appellant xi darba stqarr mal-appellat li huwa kien wieħed minn erba' diretturi tal-kumpannija li tmexxi l-*club.* Minn dak li jirriżulta mill-provi, l-kontrattazzjoni bejn il-partijiet kienet issir fuq bażi ta' ħbiberija, bl-appellant

imur fl-*istudio* tal-appellat sabiex jiddiskuti miegħu l-ordnijiet tax-xogħol hemmhekk, u bl-appellat jagħmel il-kunsinna tax-xogħol direttament fil-*club* kif indikat mill-appellant. F'dawk il-każijiet fejn l-appellant ma kienx ikun fil-*club* fil-ħin tal-kunsinna, l-appellat jew il-kollega tiegħu kienu jċemplu lill-appellant u dan kien jagħti struzzjonijiet dwar fejn u ma' min kellha titħalla l-ordni. Ma jirriżultax li fir-relazzjoni mal-appellat, l-appellant xi darba involva lil xi ħadd mill-imsieħba tiegħu fin-negozju, u mhux realistiku li jingħad li għaliex l-appellat intalab jistampa xi *business cards* għall-*club* fejn hemm indikat isem direttur ieħor, minn daqshekk l-appellat kellu jiddeduċi li r-relazzjoni kuntrattwali tiegħu saret mas-soċjetà kummerċjali li tmexxi l-*club* minflok mal-appellant personalment. Persuna li x-xogħol tagħha huwa ta' *graphic designer,* mhijiex mistennija li tkun taf il-partikolaritajiet tal-liġi kummerċjali u x'inhuma l-implikazzjonijiet legali f'każ li persuna tidentifika ruħha bħala direttur ta' kumpannija. Għandu jiġi rilevat illi l-*business cards* in kwistjoni kienu jindikaw l-isem tad-diretturi tal-*club* u mhux tad-diretturi tal-kumpannija li tmexxi l-*club.* Fi kwalunkwe każ mhuwiex raġonevoli li wieħed jippretendi li għaliex l-appellat tqabbad jistampa l-*business cards* tan-negozju, b'daqshekk dan kellu jislet xi konklużjoni dwar lil min kellu jiġi mħarrek f'każ li huwa jibqa' ma jitħallasx tax-xogħol li jkun għamel.

25. Il-ġurisprudenza tgħallem li individwu jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għall-prinċipji li jemerġu mis-sentenza fl-ismijiet **Frank Cilia noe *vs.* Charles Scicluna**[1], fejn il-Qorti tal-Kummerċ stabbiliet dan il-

[1] Q. Kumm. 27.04.1992.

prinċipju u waslet għall-konklużjoni liil-konvenut ma kienx indika li kien qiegħed jirċievi l-merkanzija f'isem soċjetà, u konsegwentement iddeċidet li r-relazzjoni ġuridika kienet mal-konvenut *proprio* u mhux mas-soċjetà li kien jirrappreżenta. Anki fil-każ odjern, l-appellant ma indikax li huwa kien qiegħed jikkontratta f'isem xi kumpannija, tant hu hekk li l-ewwel darba li ssemma isem il-kumpannija, kien proprju waqt il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, u l-appellat ma kellu l-ebda mod kif jistabbilixxi li r-relazzjoni kuntrattwali kellha tkun ma' kumpannija u mhux mal-individwu, partikolarment meta mill-provi jirriżulta wkoll li fatturi oħra maħruġa mill-appellat tħallsu mill-appellant innifsu. Għaldaqstant tqis li dan l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *l-obbligi taħt il-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta*

26. L-appellant sostna li fil-każ odjern il-fatturi maħruġa mill-appellat ma kinux fatturi li setgħu jiġu infurzati mill-Ewwel Qorti, għaliex kien hemm ċerti rekwiżiti neqsin fihom. L-appellant sostna li bil-promulgazzjoni tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, ċerti rekwiżiti huma meħtieġa *ad validitatem* fuq il-fatturi, u għalhekk fatturi nieqsa minn ċerti dettalji m'għandhomx jitqiesu bħala validi u m'għandhomx jiġu ssanzjonati. L-appellant qal li fil-każ odjern il-fatturi nħarġu fuq it-*taxpayer* minflok fuq in-negozju.

27. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 50(1) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "Kull persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 li tagħmel provvista, barra minn provvista eżenti bla kreditu lil **persuna oħra li tidentifika lilha nnifisha għall-għan ta' dik il-provvista permezz ta' numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud**

> għandha tipprovdi lil dik il-persuna l-oħra b'fattura tat-taxxa fiż-żmien determinat skont id-dispożizzjonijiet tat-Tnax-il Skeda." (sottolinear miżjud mill-Qorti)

28. Dan ifisser li f'sitwazzjonijiet bħal dawn, ir-riċevitur tal-oġġetti, għandu wkoll l-obbligu li jidentifika lilu nnifsu permezz tan-numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, xi ħaġa li l-appellant evidentement naqas milli jagħmel, kemm jekk huwa kien qiegħed jaġixxi f'ismu personali, kif ukoll jekk l-ordnijiet kienu qegħdin isiru għan-nom ta' Sabor Entertainment Limited. Ma jistax issa l-appellant jipprova jargumenta li kien l-obbligu tal-appellat li jinkludi ċerti dettalji fil-fattura maħruġa minnu, meta jirriżulta li huwa stess naqas milli jipprovdi d-dettalji meħtieġa sabiex setgħet tinħareġ il-fattura bil-mod stabbilit fil-liġi. Mill-provi jirriżulta wkoll li kull darba li saret il-kunsinna tal-oġġetti mill-appellat, l-appellant aċċettahom, u kien hemm istanzi fejn dan ħallas għalihom. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis illi anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *dwar il-preskrizzjoni*

29. L-appellant isostni li jekk it-tieni aggravju ma jiġix milqugħ, u għalhekk il-Qorti tqis li ma kinux meħtieġa *tax invoices,* dan minnu nnifsu jindika li t-tranżazzjoni in kwistjoni mhijiex waħda kummerċjali. Fil-każ odjern, jgħid l-appellant, jista' jsir l-argument li l-pretensjoni tal-appellat hija preskritta bl-applikazzjoni tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16, li jipprovdi għal preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar għall-ħlas tal-prezz ta' merkanzija jew tal-oġġetti mibjugħa bl-imnut. Minkejja dak li ngħad mill-appellat fir-risposta tiegħu dwar jekk il-provvista li saret fil-każ odjern tistax tiġi meqjusa bħala bejgħ bl-imnut, il-Qorti

hija tal-fehma li fl-ewwel lok għandu jiġi eżaminat jekk l-appellant jistax iqanqal il-preskrizzjoni bħala aggravju proprju f'dan l-istadju tal-proċeduri.

30. Il-Qorti hawn tirrileva li huwa proprju f'dan l-istadju tal-proċeduri li qegħda tigi sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u filwaqt li quddiem l-Ewwel Qorti ġie eċċepit mill-appellant qua konvenut li trid issir il-prova tal-kunsinna kif ukoll il-prova li l-appellant huwa l-leġittimu kontradittur, fir-rikors tal-appell l-appellant jissolleva l-aggravju bbażat fuq il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna għaliex l-oġġett mibjugħ jista' jiġi kklassifikat bħala bejgħ bl-imnut. Kien hemm drabi waqt id-depożizzjoni mogħtija mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, fejn dan qal li kien hemm ċerti *job numbers* li ma setax ordnahom hu, mingħajr ma ta l-ebda spjegazzjoni għal dan. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li l-appellant silet numru ta' *job numbers,* u qal li ma setax ta l-ordni għall-*printing* tagħhom hu, iżda ma ċaħadx li kien hu li ordna l-*job numbers* l-oħrajn. Il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Mario Lapira *vs.* C&A Company Limited**[2], fejn ingħad:

> *"... jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eċċepita tista' titqies bħala rinunzjata jekk per eżempju, id-debitur b'att tiegħu spontaneu ta' assunzjoni ta' ċertu sistema ta' difiża jpoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendu inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni."*

31. Il-Qorti tagħmel riferiment għad-deposizzjoni tal-appellant, fejn imkien ma ċaħad li huwa għamel ordni ta' ċertu ammont ta' xogħol ta' stampar mingħand l-appellat. L-appellant qal li l-unika problema li kellu bil-pretensjoni tal-appellat, kienet li dan bagħatlu l-kont madwar sena wara li saret l-ordni, iżda

[2] 02.06.2003.

huwa ma setax jivverifika jekk din l-ordni kinitx saret, u l-kont kif tela' daqshekk.[3] L-appellant qal ukoll li kieku huwa kien jaf dawn il-kontijiet għal xiex kienu, huwa ma kienx ser joġġezzjona għall-ħlas. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Ramel u Żrar Limited *vs.* Mixer Limited ġja Planka Limited et**[4], ingħad:

> *"Għalhekk, meta d-debitur ma jiċħadx id-dejn imma jikkontesta l-ammont tiegħu ikun qiegħed jinterrompi u bla ma jrid iżomm iż-żmien preskrittiv li jkun beda jgħaddi, u dan jgħodd ukoll jekk tali għarfien isir wara li jkun għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni (P.A. PS 24/3/2004 fil-kawża fl-ismijiet **Tabone vs Vassallo pro et** u l-għadd ta' sentenzi msemmija fir-rigward)."*

32. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tqis li m'hemm xejn fl-imġiba tal-appellant li jista' jitqies li jsostni l-aggravju mressaq mill-appellant li l-azzjoni promossa mill-appellat hija preskritta bil-mogħdija ta' tmintax-il xahar minn meta saret il-kunsinna tal-ordni, partikolarment għaliex l-ewwel linja difensjonali tal-appellant kienet li tali kunsinna mhux vera saret, jew inkella li din saret tardivament. L-aggravju tal-preskrizzjoni mressaq f'dan l-istadju jxejjen għal kollox l-eċċezzjonijiet tal-appellant li l-appellat kellu jipprova li saret il-kunsinna tal-oġġetti li qiegħed jippretendi ħlas tagħhom, u li mhuwiex minnu li l-kunsinna saret tardivament. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis illi anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju: prova li saret il-kunsinna tal-oġġetti ordnati*

33. L-appellant jgħid li ma saret l-ebda prova li l-oġġetti ordnati fil-fatt ġew imqassma u li ġew ikkonsenjati fil-ħin. Jgħid li l-appellat kien jopera n-negozju

---

[3] *A fol.* 70 tal-proċess.
[4] 24.04.2004.

tiegħu mingħajr ma jipprovdi *delivery note* mal-kunsinna, u għalhekk kien diffiċli għalih li jirrikonċilja t-talbiet tal-appellant mal-ordnijiet li saru, kif ukoll kien diffiċli għalih li jivverifika li saret il-kunsinna tal-oġġetti ordnati.

34. Il-Qorti tqis li kemm l-appellat, kif ukoll il-kollega tiegħu, xehdu li huma kienu jmorru personalment bl-ordnijiet fl-istabbiliment tal-appellant, u kien hemm drabi meta dan ma kienx ikun preżenti, u kien jagħti struzzjonijiet rigward il-persuna li dawn l-ordnijiet kellhom jitħallew magħha. L-appellant jgħid ukoll li l-appellat kien kemmxejn diżorganizzat fil-mod kif kien imexxi n-negozju tiegħu, u jallega li minkejja li dan kien bniedem professjonali f'xogħlu, madanakollu ma kienx jaf imexxi n-negozju tiegħu, tant hu hekk li ma kienx jipprovdi *delivery note* mal-kunsinna. Il-Qorti tqis li minkejja li l-appellat jgħid li ċerti *job numbers* ma setgħux kienu maħsuba għall-Private Gentleman's Club, u per eżempju jagħmel riferiment għall-*menus,* u jgħid li f'dan il-*club* ma kienx hemm kċina u ma kienx jiġi servut ikel, mill-provi jirriżulta li l-istampar tal-*menus* kien marbut ma' okkażjoni speċifika f'jum San Valentinu, u l-*menu* kien jirrigwarda *snacks* li mhux neċessarjament kellhom jiġu ppreparati fi kċina. Fi kwalunkwe każ, l-appellat ma ġabx prova li kien hemm xi ordni li ġiet ikkanċellata minħabba t-tardività fil-kunsinna, jew li kien hemm drabi meta l-appellat addirittura naqas milli jipprovdi l-oġġetti li jkunu ordnati lilu. Anki l-korrispondenza esebita tikkonferma li għal diversi xhur l-appellat ittenta jikkomunika mal-appellant sabiex dan iħallas dak dovut minnu, u kien hemm diversi istanzi ta' korrispondenza mibdija mill-appellant fejn dan wera x-xewqa li jagħmel ordni ġdida, minkejja l-allegazzjoni tiegħu li huwa kien diżappuntat bil-fatt li l-appellat kien ikun tardiv fil-kunsinna tiegħu. Tqis għalhekk li anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*Il-ħames aggravju: l-imgħaxijiet legali*

35. L-appellant jgħid li huwa m'għandux jintalab iħallas l-imgħaxijiet legali b'effett mis-17 ta' Jannar, 2013, u jikkontendi li l-proċeduri ddewmu biex ġew fi tmiemhom mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti hawn tirrileva li f'każ li l-appellant ried li jwaqqaf id-dekors tal-imgħax legali fuq l-ammont li huwa ntalab iħallas, huwa kellu jiżgura li jiddepożita l-ammont mitlub taħt l-awtorità tal-Qorti hekk kif ġew istitwiti dawn il-proċeduri, xi ħaġa li l-appellant naqas milli jagħmel. Fiċ-ċirkostanzi il-Qorti mhijiex tilqa' lanqas it-talba tal-appellat sabiex jiġu applikati d-*doppie spese* fir-rigward tal-appellant meta allega li l-appell in kwistjoni huwa wieħed vessatorju.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**